



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

19.4.2010

0030/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar regolament biex jiġi limitat il-kontenut tal-aċċidi xaħmin trans prodotti
industrijalment fil-prodotti alimentari

Alyn Smith, Åsa Westlund, Frieda Brepoels, Jim Higgins, Marit Paulsen

Data ta' skadenza: 19.7.2010

DC\812298MT.doc

PE440.570v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar regolament biex jiġi limitat il-kontenut tal-aċidi xaħmin trans prodotti industrijalment fil-prodotti alimentari

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi hemm bażi ta' evidenza soda li l-aċidi xaħmin trans (TFA) prodotti industrijalment huma wieħed mill-fatturi li jwasslu għall-mard kardjavaskulari. Għall-obeżità, id-dijabete, il-kanser, id-disturbi newroloġiċi, l-ġħama, il-mard epatiku, l-infertilità u mard ieħor l-evidenza hija suġġestiva,
- B. billi analiżi li investigat ir-rabta bejn it-TFA u l-mard kardjavaskulari kkonkludiet li żieda ta' 2% fil-konsum tat-TFA prodotti industrijalment kienet assoċjata ma' żieda ta' 23% fil-mard tal-qalb,
- C. billi t-TFA prodotti industrialemt fil-ħalib tal-bniedem għandhom effetti potenzjali negattivi fuq it-trabi, minħabba li t-TFA jaffettaw il-metaboliżmu essenzjali tal-aċidi xaħmin,
- D. billi huwa importanti li jkun hemm distinzjoni bejn it-TFA li jinħolqu b'mod naturali u t-TFA prodotti industrijalment u l-impatti tagħhom fuq is-saħħha. Il-konsum ta' ammonti moderati ta' TFA naturali ma jaffettawwx ir-riskju tal-mard kardjavaskulari,
- E. billi l-istudju tad-Dipartiment tal-Politika ‘L-Aċidi Xaħmin Trans u s-Saħħha’ irrakkomanda projbizzjoni ta' TFA prodotti industrijalment,
 1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tillimita l-kontenut massimu permissibbli ta' TFA prodotti industrijalment fl-ingredjenti kollha maħsuba għall-prodotti alimentari għall-konsum mill-bniedem fl-UE sa mhux aktar minn 2% tal-kontenut totali tax-xaħam, kif digħi ġie implementat fid-Danimarka;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li jkun hemm kollaborazzjoni bejn l-industrija alimentari u u l-professionisti tas-saħħha u tan-nutrizzjoni fl-iżvilupp ta' tekniki alternattivi għall-produzzjoni alimentari sabiex iku evitat li t-TFA prodotti industrijalment jiġu sostitwiti b'xaħmijiet saturati;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u l-Gvernijiet u l-Parlamenti u tal-Istati Membri.